IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 13.4.2012
COM(2012) 170 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar il-kwalità tad-dejta fiskali rrappurtata mill-Istati Membri fl-2011

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar il-kwalità tad-dejta fiskali rrappurtata mill-Istati Membri fl-2011**

# WERREJ


1. Sfond ... 3

2. Is-sejbiet ewlenin dwar ir-rappurtar tal-2011 dwar il-livelli tad-defiċit u d-dejn tal-gvernijiet ... 3

2.1. Puntwalità, affidabbiltà u kompletezza ... 3

2.1.1. Puntwalità ... 3

2.1.2. Affidabbiltà ... 4

2.1.3. Il-kompletezza tat-tabelli u tal-informazzjoni ta' sostenn ... 4

2.1.4. Tabelli supplimentari relatati mal-kriżi finanzjarja ... 5

2.1.5. Kwestjonarju dwar is-self intergovernattiv……… ... 6

2.2. Il-konformità mar-regoli tal-kontabilità u l-konsistenza tal-istatistika ... 6

2.2.1. Skambju tal-informazzjoni u kjarifiki ... 6

2.2.2. Żjarat ta' djalogu u metodoloġija ... 6

2.2.3. Pariri speċifiċi minn Eurostat ... 7

2.2.4. Kwistjonijiet metodoloġiċi riċenti ... 8

2.2.5. Konsistenza mal-kontijiet korrispondenti tal-gvern ... 8

2.3. Pubblikazzjoni ... 8

2.3.1. Il-pubblikazzjoni taċ-ċifri ewlenin u t-tabelli dettaljati ta' rappurtar ... 8

2.3.2. Riżervi dwar il-kwalità tad-dejta ... 9

2.3.3. Emendi fid-dejta rrappurtata ... 9

2.3.4. Il-pubblikazzjoni ta' metadejta (inventarji) ... 10

3. Konklużjonijiet ... 10

## 1. SFOND

L-Artikolu 8(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 (emendat bir-Regolament (KE) Nru 679/2010), dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea[1] jirrikjedi lill-Kummissjoni (Eurostat) (minn hawn 'il quddiem, "Eurostat") li, tirraporta b'mod regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kwalità tad-dejta attwali rrappurtata mill-Istati Membri. Dan ir-rapport annwali jrid jipprovdi valutazzjoni globali tal-konformità mar-regoli tal-kontabilità, il-kompletezza, l-affidabbiltà, il-puntwalità, u l-konsistenza tad-dejta. Ir-rapport preċedenti (dwar in-notifiki tal-2010) ġie adottat mill-Kummissjoni fil-11 ta' April 2011.

Eurostat jevalwa regolarment il-kwalità tad-dejta reali rrappurtata mill-Istati Membri u tal-kontijiet fundamentali tas-setturi tal-amministrazzjoni pubblika miġbura skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità (ESA95)[2]. Il-valutazzjoni hi prinċipalment ibbażata fuq dejta li tirrigwarda l-eżekuzzjoni baġitarja tal-amministrazzjoni pubblika u l-assi u l-passivi tal-amministrazzjoni pubblika. Dan ix-xogħol jikkonċentra fuq il-fatturi li jispjegaw id-defiċit/il-bilanċ pożittiv tal-amministrazzjoni pubblika u tal-bidla fid-dejn tal-amministrazzjoni pubblika. L-Istati Membri jibagħtu din l-informazzjoni lil Eurostat darbtejn fis-sena. Din tinkludi wkoll informazzjoni supplimentari bħalma huma l-"Kwestjonarju relatat mat-tabelli ta' notifika tal-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv (PŻE)" u l-kjarifiki bilaterali mill-Istati Membri. Eurostat jagħmel ukoll bosta żjarat ta' djalogu tal-PŻE f'kull Stat Membru biex jinżamm djalogu kontinwu mal-Istati Membri.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq is-sejbiet u r-riżultati ewlenin tal-PŻE rrappurtati fl-2011, li jiffokaw fuq l-aħħar eżerċizzju ta' rappurtar (Ottubru 2011). Fejn hu xieraq, it-tqabbil isir mar-rappurtar ta' April 2011 kif ukoll mar-rappurtar tal-2010.

## 2. IS-SEJBIET EWLENIN DWAR IR-RAPPURTAR TAL-2011 DWAR IL-LIVELLI TAD-DEFIĊIT U D-DEJN TAL-GVERNIJIET

### 2.1. Puntwalità, affidabbiltà u kompletezza

#### *2.1.1. Puntwalità*

L-Istati Membri huma obbligati jirrappurtaw lill-Kummissjoni l-baġit ippjanat u dak reali u dejta tal-karta tal-bilanċ tagħhom darbtejn fis-sena, qabel l-1 ta' April u l-1 ta' Ottubru[3]. Matul l-2011, ir-rappurtar tal-PŻE kopra s-snin mill-2007 sal-2011. Iċ-ċifri għall-2011 huma dawk ippjanati mill-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li ċ-ċifri mill-2007 sal-2010 huma dejta reali (din tfisser ċifri finali, semi finalizzati, provviżorji jew stmati).

---

1 ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.
2 ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1.
3 l-Artikolu 3(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 479/2009, kif emendat.

Il-konformità mad-dati tal-iskadenza tar-rappurtar normalment tkun tajba ħafna. Fit-tieni rappurtar fl-2011, 26 Stat Membru rrapurtaw id-dejta tagħhom qabel id-data ta' skadenza legali tal-1 ta' Ottubru. L-awtoritajiet Griegi bagħtu n-notifika tagħhom fis-7 ta' Ottubru. Fl-eżerċizzju ta' rappurtar ta' April, l-Istati Membri kollha rrapurtaw iċ-ċifri tagħhom qabel l-1 ta' April 2011, bl-eċċezzjoni tal-Greċja (fl-1 ta' April) u ta' Franza, li bagħtet id-dejta ppjanata tagħha għas-sena 2011 fis-7 ta' April.

### 2.1.2. *Affidabbiltà*

Ħafna Stati Membri rrevedew ir-rappurtar tagħhom wara l-ewwel sottomissjoni tagħhom. F'Ottubru 2011, 29 sottomissjoni riveduta ntbagħtu minn 18-il pajjiż, filwaqt li f'April 2011 Eurostat irċieva 36 sottomissjoni riveduta minn 20 pajjiż. L-Istati Membri bagħtu ħafna mis-sottomissjonijiet riveduti b'reazzjoni għal kummenti, mistoqsijiet tekniċi jew rimarki minn Eurostat, u dawn kienu jikkonċernaw korrezzonijiet ta' żbalji żgħar, inkonsistenzi interni jew reġistrar mhux xieraq fit-tabelli.

Id-dejta ġiet riveduta b'iktar minn 0,1 punti perċentwali (pp) tal-PDG matul il-perjodi ta' valutazzjoni għall-Greċja, il-Portugall, is-Slovenja u s-Slovakkja f'April u għall-Ġermanja[4], l-Awstrija, ir-Rumanija u s-Slovakkja f'Ottubru.

L-awtoritajiet tal-istatistika Irlandiżi pprovdew ġabra aġġornata tat-tabelli tan-notifika tal-PŻE fl-24 ta' Novembru 2011, sabiex jikkoreġġu żball identifkat fil-konsolidazzjoni tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika (ma kienx hemm impatt fuq id-defiċit tal-gvern irrekordjat). Eurostat iċċara r-reviżjonijiet u ppubblika d-dejta l-ġdida.

### 2.1.3. *Il-kompletezza tat-tabelli u tal-informazzjoni ta' sostenn*

Il-preżentazzjoni tat-tabelli rappurtati hija obbligu legali u tinħtieġ sabiex Eurostat ikun jista' jimmonitorja b'mod xieraq il-kwalità tad-dejta. L-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2009 kif emendat, jispeċifika li l-Istati Membri għandhom jipprovdu lil Eurostat bl-informazzjoni statistika rilevanti, li

*"(...) b'mod partikolari (...) tfisser:*

*(a) dejta minn kontijiet nazzjonali;*

*(b) inventarji;*

*(c) tabelli ta' notifika tal-PŻE;*

*(d) kwestjonarji u kjarifiki addizzjonali relatati man-notifiki.*

It-tabelli ta' notifika tal-PŻE huma magħmulin minn erba' (settijiet ta') tabelli ewlenin. Il-preżentazzjoni tat-Tabelli 1 sa 3 tal-PŻE hija obbligu legali filwaqt li r-

4 Ir-reviżjonijiet lid-dejta dwar il-PŻE tal-Ġermanja kkonċernaw is-sena 2010 u ġew ikkawżati mill-emendi lid-dejta tas-sors għall-FMS Wertmanagement - struttura ta' annullament ta' Hypo Real Estate (HRE); ikklassifikat fis-setturi tal-amministrazzjoni pubblika għad-defiċit: sa 0,9 pp tal-PDG primarjament minħabba r-rivalutazzjoni tal-assi ħżiena ttrasferiti lilha mill-HRE; u għad-dejn: tnaqqis b'1 pp tal-PDG minħabba l-korrezzjoni tal-preżentazzjoni tal-kollaterali fil-karta tal-bilanċ tagħha.

rappurtar tat-tabella 4 tal-PŻE kien hemm qbil fuqu mill-Istati Membri[5]. It-Tabelli 1 u 2A (gvern ċentrali) ikopru s-snin mill-2007 sal-2011 filwaqt li t-tabelli l-oħrajn ikopru s-snin mill-2007 sal-2010[6].

Ħafna mill-Istati Membri lestew it-tabelli kollha tan-notifika tal-PŻE[7]. It-tabelli ta' xi Stati Membri, madankollu, setgħu jkunu aktar kompluti. Fir-rappurtar ta' Ottubru 2011, pereżempju, għat-Tabella 2 tal-PŻE, ħames Stati Membri jew ma pprovdewx id-dettalji kollha dwar ir-rabta bejn il-bilanċ ta' ħidma u l-bilanċ pożittiv/id-defiċit tal-PŻE għas-subsetturi kollha jew għas-snin kollha, jew irrappurtaw bilanċi ta' ħidma ekwivalenti għall-bilanċ pożittiv/għad-defiċit tal-PŻE.

Għat-Tabella 3 tal-PŻE, mhux l-Istati Membri kollha pprovdew id-dettalji kollha. B'mod partikolari, id-dettalji għat-temi "self" u "ekwità" mhux dejjem ġew irrappurtati.

Il-fatt li fit-tabelli 2 u 3 tal-PŻE, jonqos ċerta dejta għal xi wħud mill-Istati Membri, inaqqas il-possibilità għal Eurostat li jiċċekkja l-affidabbiltà taċ-ċifri tal-linja ta' taħt dwar id-defiċit u d-dejn tal-gvern. Dan, min-naħa tiegħu, iwassal għal bżonn ikbar ta' kontroll ta' dettalji bħal dawn matul iż-żjarat fl-Istati Membri.

L-Istati Membri kollha ppreżentaw it-tweġibiet tagħhom għall- "Kwestjonarju relatat mat-tabelli ta' notifika"[8]. Minkejja li l-kopertura u l-kwalità tat-tweġibiet tjiebu meta mqabbla mas-snin l-imgħoddija, xi pajjiżi ma rrappurtawx id-dettalji kollha mitluba fil-kwestjonarju.

### 2.1.4. *Tabelli supplimentari relatati mal-kriżi finanzjarja*

Eurostat ilu jiġbor sett ta' dejta dwar il-kriżi finanzjarja f'tabella supplimentari mill-15 ta' Lulju 2009. Id-dejta fil-Parti 1 tat-tabella supplimentari hija dik dwar it-tranżazzjonijiet li jitniżżlu fil-kont tad-dħul/nfiq tal-gvern u li jkollhom impatt reali fuq id-defiċit/il-bilanċ pożittiv tal-PŻE. Id-dejta fil-Parti 2 tat-tabella supplimentari hija marbuta mal-istokks ta' assi finanzjarji u passivi li jirriżultaw mill-appoġġ lill-istituzzjonijiet finanzjarji. Tiddistingwi bejn l-attivitajiet li jkunu effettivament ikkontribwew għall-passivi tal-gvern (inklużi fid-dejn tal-gvern) u l-attivitajiet li jistgħu potenzjalment jikkontribwixxu għal passivi tal-gvern fil-ġejjieni, iżda li għalissa jitqiesu li jiddependu minn avvenimenti fil-ġejjieni (mhux inklużi fid-dejn tal-gvern). Dawn it-tabelli juru l-interventi tal-gvern relatati direttament mas-sostenn tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Il-miżuri ta' sostenn għal istituzzjonijiet mhux finanzjarji jew miżuri ta' sostenn ekonomiku ġenerali mhumiex inklużi.

---

5 Ara l-istqarrijiet mal-minuti tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 1993.

6 L-għoti tad-dejta ppjanata fit-tabelli tal-PŻE barra mit-tabelli 1 u 2A mhix espliċitament mitluba fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009, kif emendat.

7 Deskrizzjoni dettaljata tal-kontenut ta' dawn it-tabelli tinsab fil-websajt tal-Eurostat Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page?_pageid=2373,58110711&_dad=portal&_schema=PORTAL.

8 Dan il-kwestjonarju jinkludi 13-il taqsima li jirrikjedu informazzjoni kwantitattiva u kultant kwalitattiva f'bosta oqsma bħalma huma t-tranżazzjonijiet fit-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali mal-UE, ix-xiri ta' tagħmir militari, il-garanziji tal-gvern, il-kanċellazzjonijiet tad-dejn, l-injezzjonijiet ta' kapital li jagħmel il-gvern f'korporazzjonijiet pubbliċi, Sħubijiet Pubbliċi Privati eċċ.

Id-dejta miġbura fl-2011 imsemmija fil-perjodu 2007-2010. 20 Stat Membru rrapporta interventi varji meħuda mill-gvern fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja. Eurostat ippubblika nota flimkien mal-Istqarrijiet tal-Istampa dwar il-PŻE li tanalizza din id-dejta[9].

### 2.1.5. *Kwestjonarju dwar is-self intergovernattiv*

Min-notifika ta' April 2011, l-Istati Membri pprovdew ukoll dejta dwar is-self intergovernattiv. L-istqarrija għall-Istampa dwar il-PŻE tinkludi din l-informazzjoni, li tippermetti li ssir analiżi tas-self li l-Istati Membri jagħtu għal operazzjonijiet ta' appoġġ lil Stati Membri oħra (fl-2010, primarjament lill-Greċja).

Dan is-self intergovernattiv żdied sostanzjalment fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u kellu jitnaqqas mill-aggregati tal-UE27 u taż-żona ewro tad-dejn ta' Maastricht, li t-tnejn li huma jiġu kkalkulati fuq bażi konsolidata. Minħabba din il-konsolidazzjoniji, l-aggregati tal-UE27 u taż-żona tal-ewro ma kinux daqs is-somma aritmetika tad-dejn tal-Istati Membri (jiġifieri s-self bejn il-gvernijiet mhux inkluż, biex ma jkunx hemm għadd doppju).

Iċ-ċifri rrappurtati fil-kwestjonarju għadhom ma jinkludux ammonti marbuta mal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) billi jirreferu għall-perjodu bejn l-2007 u l-2010. Għall-2011, dawn iċ-ċifri se jinġabru mill-EFSF.

## 2.2. Il-konformità mar-regoli tal-kontabilità u l-konsistenza tad-dejta tal-istatistika

### 2.2.1. *Skambju ta' informazzjoni u kjarifiki*

Matul il-perjodu ta' valutazzjoni bejn l-iskadenza għar-rappurtar tal-1 ta' Ottubru u l-pubblikazzjoni tad-dejta fil-21 ta' Ottubru 2011, Eurostat ikkuntattja lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika f'kull Stat Membru biex jitlob iktar informazzjoni u jiċċara l-applikazzjoni tar-regoli tal-kontabilità fuq tranżazzjonijiet speċifiċi. Dan il-proċess involva bosta sensiliet ta' korrispondenza bejn Eurostat u l-awtoritajiet nazzjonali. Intbagħtet l-ewwel sensiela ta' talbiet għall-kjarifika lill-pajjiżi kollha qabel id-9 ta' Ottubru. A second round of requests was sent to 14 countries and a third round to one country. Eurostat talab lil xi pajjiżi tabelli ta' notifika riveduti[10].

### 2.2.2. *Żjarat ta' djalogu u metodoloġija*

Ir-Regolament (KE) Nru 479/2009, kif emendat, jipprevedi ż-żjarat ta' djalogu u ta' metodoloġija. Iż-żjarat ta' djalogu fl-Istati Membri jsiru regolarment bil-għan li tiġi riveduta d-dejta rrappurtata, biex jiġu eżaminati kwistjonijiet metodoloġiċi, biex jiġu diskussi l-għejun tal-istatistika u għall-evalwazzjoni tal-konformità mar-regoli rilevanti tal-kontabilità, pereżempju dwar id-delimitazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, il-ħin tar-reġistrazzjoni u l-klassifika tat-tranżazzjonijiet u l-passiv tal-gvern.

---

9 Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/government_finance_statistics/documents/Background_note_fin.crisis_Oct.2011_final.pdf

10 Ara t-Taqsima 2.1.

Iż-żjarat ta' metodoloġija jsiru biss f'każijiet fejn Eurostat jidentifika riskji jew problemi sinifikanti fil-kwalità tad-dejta, speċjalment fejn din tirrigwarda l-metodi, il-kunċetti jew il-klassifkazzjoni użati. In 2011 no methodological visits were carried out.

Matul is-sena 2011, Eurostat wettaq dawn iż-żjarat tal-PŻE li ġejjin: il-Portugall (mis-17 sat-18 ta'Jannar, mill-14 sal-15 ta' April u mid-19 sal-20ta Settembru), ir-Renju Unit (mis-26 sat-28 ta' Jannar), id-Danimarka (mill-31 ta' Jannar sal-1 ta' Frar), il-Latvja (mill-15 sas-17 ta' Frar 2011), Spanja (mis-17 sat-18 ta' Frar), is-Slovakkja (mit-28 ta' Frar sal-1 ta' Marzu), il-Greċja (mill-21 sat-23 ta' Marzu, mis-26 sas-27 ta' Settembru u mill-10 sal-11 ta' Novembru), il-Ġermanja (mill-5 sas-6 ta' Mejju), ir-Repubblika Ċeka (mis-16 sas-17 ta' Mejju), il-Lussemburgu (fid-19 ta' Mejju), is-Slovenja (mit-23 sal-24 ta' Mejju), ir-Rumanija (mit-8 sal-10 ta' Ġunju, mill-20 sat-22 ta' Ġunju, mill-11 sat-13 ta' Lulju u mis-26 sas-27 ta' Settembru), l-Italja (mis-27 sat-28 ta' Ġunju), l-Estonja (mill-4 sal-5 ta' Lulju), il-Polonja (mill-5 sas-6 ta' Settembru), il-Finlandja (mill-21 sat-22 ta' Novembru), il-Bulgarija (mit-28 sat-30 ta' Novembru), l-Isvezja (mit-12 sat-13 ta' Diċembru) u l-Pajjiżi l-Baxxi (fit-12 ta' Diċembru).

Temi rikorrenti li ġew diskussi matul iż-żjarat kienu jinkludu l-klassifikazzjoni ta' unitajiet ġos-settur tal-amministrazzjoni pubblika jew barra (pereżempju dawk li jikkonċernaw it-trasport pubbliku, it-televiżjoni u r-radju, l-isptarijiet u l-universitajiet), injezzjonijiet ta' kapital, Sħubijiet Pubbliċi Privati, flussi tal-UE, u r-reġistrazzjoni tal-garanziji. Kull żjara twassal għal għadd ta' punti għall-azzjoni għall-Istat Membru li fih tkun saret iż-żjara. L-implimentazzjoni ta' dawn il-punti għall-azzjoni twassal għal titjib fil-kwalità tad-dejta maż-żmien.

Eurostat beda wkoll jimplimenta programm ta' żjarat ta' djalogu PŻE "bikri" fl-Istati Membri, bil-għan li jiġu eżaminati l-kwalità u l-kompletezza tad-dejta tas-sors użata mill-awtoritajiet tal-istatistika fil-kompilazzjoni tad-dejta għall-PŻE, u biex jiġu diskussi l-arranġamenti tal-ġestjoni tal-kwalità għall-kompilazzjoin tad-dejta. Dan huwa element ewlieni tal-ħidma ta' Eurostat fl-implimentazzjoni tas-setgħat ta' verifika msaħħa mogħtija fir-Regolament (KE) Nru 479/2009, kif emendat, skont approċċ preventattiv abbażi tar-riskju deskritt fil-Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titlu "Lejn immaniġġjar sod tal-kwalità għall-Istatistika Ewropea"[11]. Fl-2011, diġà saru żjarat ta' djalogu fil-bidu fil-Ġermanja, ir-Rumanija u l-Bulgarija. Qed jitwaqqaf grupp ta' ħidma speċjalizzat dwar l-"immaniġġjar tal-kwalità tal-Istatistika tal-Finanzi tal-Gvern".

### 2.2.3. *Parir speċifiku minn Eurostat*

L-Istati Membri jikkonsultaw regolarment ma' Eurostat biex jiċċaraw diversi kwistjonijiet tal-kontabilità nazzjonali b'rabta ma' operazzjonijiet fil-futur jew fil-passat. Eurostat jagħti parir skont il-linji gwida eżistenti. Biex jikkonforma mad-dispożizzjoni ta' trasparenza fir-Regolament (KE) 479/2009, kif emendat, Eurostat

---

[11] Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/quality/documents/COM-2011-211_Communication_Quality_Management_EN.pdf

jippubblika l-parir tiegħu[12], ħlief jekk l-Istat Membru kkonċernat iqajjem oġġezzjoni. Fl-2011 Eurostat ippubblika l-parir li ġej: it-trattament tad-dejn tal-kumpanija tal-ferroviji Awstrijaka (l-Awstrija), bidliet fis-sistema tal-pensjonijiet (il-Polonja), il-klassifikazzjoni ta’ proġett ta' netwerk ta' toroq mill-Komunità Awtonoma ta' Aragon (Spanja), il-klassifikazzjoni ta' netwerk tal-irrigazzjoni fi Sħubija Pubblika Privata mmexxija mill-Komunità Awtonoma ta’ Navarra (Spanja), il-klassifikazzjoni ta’ awtostrada fi Sħubija Pubblika Privata mmexxija mill-Komunità Awtonoma ta’ Navarra (Spanja), it-trattament ta’ proġetti tal-infrastruttura (ir-Rumanija) u l-irrekordjar ta’ skemi ta’ ristrutturar għall-korporazzjonijiet pubbliċi b’arretrati akkumulati (ir-Rumanija), it-trattament metodoloġiku tad-derivattivi tal-kambju barrani marbuta mad-dejn tal-PŻE (il-Latvja), pariri ex-ante dwar l-irrekordjar tal-istatistika tal-proġett tal-bini u t-tħaddim tal-parti tal-awtostrada A1 Tuszyn-Pryzowice (il-Polonja), l-irrekordjar tat-trasferimenti tal-UE u l-kofinanzjament nazzjonali Jeremie (il-Bulgarija), żewġ pariri dwar l-irrekordjar tal-iskema tal-ħlas mill-ġdid tal-Bank tal-Iżvilupp Bulgaru (il-Bulgarija) u parir dwar opinjoni preliminari tal-uffiċċju tal-istatistika Portugiż dwar il-possibbiltà tat-trasferiment ta’ xi assi u responsabbiltajiet tal-fondi tal-pensjonijiet tas-settur bankarju lill-Gvern Ġenerali (il-Portugall).

### 2.2.4. *Kwistjonijiet metodoloġiċi riċenti*

Bħas-soltu, Eurostat ta attenzjoni partikolari lill-applikazzjoni tar-regoli ESA95 u, b'mod partikolari, lill-aktar deċiżjonijiet riċenti tiegħu. Dawn id-deċiżjonijiet kienu inklużi fil-Manual on Government Deficit and Debt, li l-aħħar edizzjoni tiegħu kienet ippubblikata f'Ottubru 2010, u li issa huwa soġġett għal proċess ta’ aġġornament regolari.

Eurostat ġie kkonsultat ukoll dwar l-irrekordjar statistiku tal-miżuri meħuda fil-livell Ewropew biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet fis-swieq tad-dejn sovran. Fl-2011 Eurostat ippubblika l-fehma statistika tiegħu dwar l-EFSF[13] u wkoll fehma preliminari dwar il-Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabilizzazzjoni[14] ppjanat. Eurostat ippubblika wkoll nota ta’ gwida dwar “strutturi ta’ annullament”[15]li huma proprjetà pubblika.

### 2.2.5. *Konsistenza mal-kontijiet korrispondenti tal-gvern*

L-iskadenzi l-ġodda għan-notifika tal-1 ta' April u l-1 ta' Ottubru stipulati mir-Regolament (KE) Nru 479/2009, kif emendat, ġew introdotti sabiex tkun żgurata l-konsistenza mal-kontijiet korrispondenti annwali u trimestrali tas-setturi tal-kontabilità tal-gvern, kif irrappurtat f'diversi tabelli ta' trażmissjoni ESA95. Eurostat janalizza sistematikament il-konsistenza tan-notifiki tal-PŻE mal-kontijiet

12 Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/government_finance_statistics/methodology/advice_member_states.

13 Ara:http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_PUBLIC/2-27012011-AP/EN/2-27012011-AP-EN.PDF

14 Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/government_finance_statistics/documents/Eurostat's%20preliminary%20view%20on%20the%20recording%20of%20the%20futu.pdf

15 Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/government_finance_statistics/documents/Eurostat%20Guidance%20on%20accounting%20rules%20for%20EDP%20-%20Financia.pdf

korrispondenti settorjali tal-gvern li ġew trażmessi. Pereżempju, it-totali tal-infiq u d-dħul għandhom ikunu konsistenti maċ-ċifri tad-deficit irrappurtati .

Il-konsistenza ġenerali tad-dejta tal-PŻE mal-kontijiet tal-gvern tal-ESA95 irrappurtati kienet qiegħda ssir dejjem aktar kompluta fis-snin reċenti, għalkemm xorta għadha aħjar għad-dejta mhux finanzjarja milli għad-dejta finanzjarja.. F'Ottubru 2011, iċ-ċifri tal-PDG u d-dejn kienu konsistenti għall-Istati Membri kollha. Fir-rigward taċ-ċifri għas-self nett/l-akkreditazzjoni nett, kien hemm differenzi żgħar għal sitt Stati Membri. Tfaċċaw xi inkonsistenzi żgħar bejn id-dejta tal-PŻE u l-kontijiet finanzjarji trimestrali fin-notifiki ta' 14-il Stat Membru.

## 2.3. Pubblikazzjoni

### *2.3.1. Il-pubblikazzjoni taċ-ċifri ewlenin u t-tabelli dettaljati ta' rappurtar*

L-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2009, kif emendat, jgħid: *"Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipprovdi d-dejta attwali dwar l-iżbilanċ u d-dejn tal-gvern għall-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv, fi żmien tliet ġimgħat wara l-iskadenza tar-rappurtar (...). Dik il-fornitura ta' data għandha titwettaq permezz ta' pubblikazzjoni."*

Id-dejta dwar id-deficit u d-dejn tal-gvern ġiet ippubblikata fis-26 ta' April u l-21 ta' Ottubru 2011 flimkien mat-tabelli ta' rappurtar, kif notifikat mill-Istati Membri.

Eurostat jippubblika wkoll fil-websajt tiegħu l-istatistika annwali u dik ta' kull tliet xhur tal-finanzi tal-gvern li jsostnu d-dejta PŻE, flimkien ma' informazzjoni dwar l-aġġustamenti tal-fluss tal-istokk[16]. Eurostat jippubblika wkoll l-informazzjoni provduta mill-Istati Membri[17] li tikkonċerna l-interventi tal-gvern fil-kuntest tat-taqlib finanzjarju u d-dejta dwar is-self intergovernattiv.

Skont ir-Regolament (KE) Nru 479/2009, kif emendat, l-Istati Membri għandhom jagħmlu pubblika d-dejta attwali tagħhom dwar id-deficit u d-dejn. Ħafna mill-Istati Membri rrappurtaw lil Eurostat li huma jippubblikaw it-tabelli ta' rappurtar kollha tagħhom.

### *2.3.2. Riżervi dwar il-kwalità tad-dejta*

Eurostat esprima riżerva dwar il-kwalità tad-dejta notifikata mir-Rumanija u r-Renju Unit fin-notifika ta' April 2011. Dawn ir-riżervi ġew irtirati fir-rilaxx għall-aħbarijiet ta' Novembru.

**Ir-Rumanija:** Eurostat irtira r-riserva espressa fuq id-dejta rrapurtata mir-Rumanija fin-notifika ta' April 2011 minħabba l-inċertezzi dwar l-impatt ta' xi korporazzjonijiet pubbliċi fuq id-deficit tal-gvern, dwar ir-rappurtar tal-kategoriji

---

[16] It-taqsima Finanzi tal-Gvern fil-websajt ta' Eurostat tipprovdi aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwar statistika għall-Proċedura taż-Żbilanċ Eċċessiv u l-kontijiet korrispondenti tas-setturi tal-gvern, inkluża d-dejta, id-deċiżjonijiet u l-manwali metodoloġiċi, flimkien mas-sejbiet taż-żjarat ta' djalogu PŻE: (http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/government_finance_statistics/introduction.

[17] Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/government_finance_statistics/documents/Background_note_fin.crisis_Oct.2011_final.pdf

ESA95 "kontijiet oħra riċevibbli u pagabbli", dwar in-natura u l-impatt ta' xi tranżazzjonijiet finanzjarji u dwar il-konsolidazzjoni ta' flussi intragovernattivi. Eurostat ikkonferma li fin-notifika ta' Ottubru 2011, il-punti msemmija hawn fuq ġew irreġistrati skont il-metodoloġija tal-ESA95 u l-manwali relatati.

**Ir-Renju Unit:** Eurostat irtira r-riserva espressa dwar id-dejta rrappurtata mir-Renju Unit fin-notifika ta' April 2011 minħabba l-inċertezzi dwar il-waqt meta ġie rreġistrat l-infiq militari. Eurostat ikkonferma li fin-notifka ta' Ottubru 2011, ir-Renju Unit inkluda l-aġġustament meħtieġ u issa qed iniżżel l-infiq fuq it-tagħmir militari skont il-wasla, kif rikjest mid-deċiżjoni relevanti ta' Eurostat tad-9 ta' Marzu 2006.

### 2.3.3. *Emendi fid-dejta rrappurtata*

L-Istqarrijiet tal-Istampa dwar il-PŻE ta' Eurostat jipprovdu spjegazzjonijiet dwar l-emendi tad-dejta tan-notifika tar-Renju Unit[18].

"Eurotat emenda d-dejta dwar id-defiċit u d-dejn innotifikata mir-Renju Unit għas-snin 2008-2010 (kif ukoll għas-snin finanzjarji 2008/2009 sal-2010/2011). Dan sar biex tiġi żgurata l-konformità man-nota ta' gwida ta' Eurostat tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-istrutturi finanzjarji ta' annullament fir-rigward ta' Bradford & Bingley (B&B) u Northern Rock Asset Management (NRAM). Iċ-ċifri tad-defiċit irrappurtati żdiedu b'360 mn GBP (0,03% tal-PDG) fl-2008 (kif ukoll fis-sena finanzjarja 2008/2009), b'571 mn GBP (0,04% tal-PDG) fl-2009 (kif ukoll fis-sena finanzjarja 2009/2010) u b'1 023 mn GBP (0,07% tal-PDG) fl-2010 (kif ukoll fis-sena finanzjarja 2010/2011). Iċ-ċifri tad-dejn irrappurtati żdiedu b'32 374 mn GBP (2,26% tal-PDG) fl-2008 (kif ukoll fis-sena finanzjarja 2008/2009), b'19,969 mn GBP (1,43% tal-PDG) fl-2009 (kif ukoll fis-sena finanzjarja 2009/2010) u b'56 821 mn GBP (3,90% tal-PDG) fl-2010 (kif ukoll fis-sena finanzjarja 2010/2011).

### 2.3.4. *Il-pubblikazzjoni tal-metadejta (inventarji[19])*

Ir-Regolament (KE) 479/2009, kif emendat, jispeċifika li l-inventarji tal-PŻE huma fost l-informazzjoni tal-istatistika li għandha tingħata mill-Istati Membri biex tippermetti lil Eurostat jivverifika l-konformità mar-regoli tal-ESA95. Barra minn dan, huwa jistipula li l-pubblikazzjoni nazzjonali ta' dawn l-inventarji hija mandatorja. Eurostat ippubblika l-inventajri tal-Istati Membri kollha. Minbarra l-Lussemburgu u l-Pajjiżi l-Baxxi, l-Istati Membri kollha rrappurtaw li ppubblikaw l-inventarji tal-PŻE tagħhom fuq livell nazzjonali.

Eurostat jinsab fil-proċess tal-introduzzjoni ta' format ġdid tal-inventarju tal-PŻE li jista' jinvolvi tibdil strutturali u jirrikjedi informazzjoni iktar dettaljata (pereżempju, għall-proċeduri tal-kompilazzjoni, id-delimitazzjoni tas-settur tal-amministrazzjoni

---

18 Skont l-Artikolu 15 (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009, kif emendat, il-Kummissjoni (Eurostat) tista' temenda d-dejta attwali rrappurtata mill-Istati Membri u tipprovdi dejta emendata u ġustifikazzjoni għall-emenda fejn ikun hemm evidenza li d-dejta reali rrapportata mill-Istati Membri ma tkunx konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 8(1).

19 Inventarji tal-metodi, il-proċeduri u l-għejun użati għall-ġbir tad-dejta reali dwar id-defiċit u d-dejn u l-kontijiet korrispondenti tal-gvern.

pubblika, it-tranżazzjonijiet speċifiċi, il-ġestjoni tal-kwalità u s-sorsi bikrin tad-dejta, eċċ.).

## 3. KONKLUŻJONIJIET

Eurostat ikkonkluda li l-progress fuq il-kwalità tad-dejta fiskali kompla fl-2011. B'mod ġenerali, l-Istati Membri pprovdew informazzjoni aħjar, kemm fit-tabelli tan-notifika tal-PŻE kif ukoll f'sottomissjonijiet statistiċi relevanti oħrajn. Il-konsistenza ġenerali tad-dejta tal-PŻE mal-kontijiet tal-gvern ESA95 irrappurtati hija sodisfaċenti, u hemm titjib mil-lat finanzjarju.

Fl-2011 ġew espressi riżervi dwar il-kwalità tad-dejta rrappurtata għar-Rumanija u r-Renju Unit fin-notifika ta' April 2011. Dawn ir-riżervi tneħħew f'Novembru 2011. Madankollu, għad jeħtieġ issir emenda għar-Renju Unit.

Minkejja t-titjib rikonoxxut, fadal xi problemi marbuta mal-konformità mar-regoli tal-kontabilità u l-kompletezza u l-konsistenza ta' ċerta informazzjoni tal-istatistika pprovduta. Pereżempju, xi Stati Membri jeħtieġ jipprovdu dejta iktar kompluta dwar il-livelli tal-gvern subnazzjonali filwaqt li oħrajn jistgħu jtejbu l-monitoraġġ tal-istrutturi pubbliċi tal-annullament li ġew stabbiliti wara li faqqgħet il-kriżi finanzjarja.

Għalhekk Eurostat jistieden lill-Istati Membri biex ikomplu jinvestu fil-kwalità tal-istatistika finanzjarja tal-gvern bil-ħsieb li jiksbu l-livell mixtieq ta' kwalità f'dik li hi konformità mar-regoli relevanti tal-kontabilità, il-kompletezza, l-affidabilità, il-puntwalità u l-konsistenza tad-dejta tal-gvern, inkluża l-ġestjoni aħjar tal-kwalità tal-flussi bikrin tad-dejta li huma l-input għaċ-ċifri tad-defiċit u d-dejn tal-PŻE.